MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Numru. 323/2002

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
vs
Raymond Cassar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Raymond Cassar, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 339370(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli fis-6 ta’ Frar 2002, ghall-habta tat-8.30a.m. f’Putirjal Floriana :

1) Ikkaguna offiza illi iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta’ Joseph Busuttil minn Haz-Zabbar, skond kif iccertifika Dr Spiteri Michael MD ta’ l-isptar San Luqa u dan bi ksur tal-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Busuttil, skond kif iccertifika Dr Spiteri Michael MD ta' l-isptar San Luqa u dan bi ksur ta' l-Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Ghamel offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Busuttil skond kif iccertifika Dr Spiteri Michael MD ta' l-isptar San Luqa u cioe' sfregju fil-wicc ta' l-istess Joseph Busuttil, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 216 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Hebb ghal Joseph Busuttil sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(d) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Bil-hsieb li ttellef jew inaqqas l-gieh ta' Joseph Busuttil weggghu bi kliem b'gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Busuttil u tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-23 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 339(1)(d), 339(1)(e), 338(bb), 352(1), 20, 17(b), 17(c), 383, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju, 2003.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel nett il-Qorti qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-23 ta' Ottubru 2002.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, il-fatt illi ma ghandux xi fedina penali allarmanti, kif ukoll il-fatt illi huwa iddikjara illi kien iddispjacih ta' dak illi gara.

Illi pero' minhabba s-serjeta tal-reat il-Qorti filwaqt li tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghal sentejn prigunerija, tordna li din il-prigunerija ma ghandhiex tibda isehh hlief jekk fil-perjodu ta' erba' snin mil-lum l-imputat ma jaghmilx reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u dan wara li Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi ai termini tal-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' mitt

lira ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum milli b'xi mod jimmolesta aktar lil Joseph Busuttil.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------